TAL-PIETA`

MINUTI

Id-disa' Legislatura - SEDUTA Nru. 23

L-Erbgha, 6 ta' Mejju, 2026

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta` fil-5.00 p.m.

PREZENTI

Kienu prezenti s-Sindku Stefano Savo, il-Vici Sindku Saviour Azzopardi u l-Kunsillieri, Ryan Douglas Tanti, Josef Fitzpatrick, Charles Grech u Mark Pisani.

Il-Kunsillier Colin Bowman informa li kien xoghol u ghalhekk gie skużat.

TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

1. MINUTI

1.1 Il-minuti tas-Seduta Nru. 22 li saret nhar l-Erbgha, 8 ta' April, 2026, kienu approvati.

2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

2.1 Il-Kunsillier Colin Bowman informa li kien xoghol u ghalhekk gie skużat.

3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

3.1 ***Trinka Enemalta***. Is-Sindku informa li flimkien mal-ufficjali tal-Enemalta, il-Kunsill prova jara jekk tistax tintuża rotta ohra flok minn Triq Guze Ellul. Mhux possibbli li tintuża rotta ohra u gie spjegat lilhom il-problema tal-ilmijiet fil-garages li qeghdin taht l-art fi Triq Guze Ellul. L-Enemalta ghandha tinforma lir-residenti meta jkun ser isir ix-xoghol.

3.2 ***Minn Pjazza ghal Pjazza***. Is-Sindku qal li din l-attivita` kienet suċċess u l-Kunsill kien zamm mal-budget li kien hemm ghal din l-attivita`.

3.3 ***Lokalitajiet aktar nodfa***. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien dahhal l-applikazzjoni ghal din l-iskema u gew proposti l-15 u s-16 ta' Settembru ghal dawn l-attivitajiet.

4 AUDITED FINANCIAL STATEMENTS 2025

4.1 Tressqu quddiem il-Kunsill l-Audited Financial Statements ghas-sena 2025 (Appendici A). Wara li saru xi aggustamenti mill-awdituri, il-Kunsill approva b'mod unanimu dawn il-Financial Statements.

5 QUARTERLY FINANCIAL REPORT JAN-MAR 2026

5.1 Tressaq quddiem il-Kunsill il-Quarterly Financial Report ghal perjodu Jan-Mar 26. Is-Segretarju Ezekuttiv ta' spjega ta' dan ir-rapport. Gie nnuttat il-fatt li fl-ewwel kwart, il-Kunsill kien irreġistra surplus ta' €49,708 u li n-net current assets tal-Kunsill sal-ahhar ta' Marzu kien €184,641.

Is-Sindku, ssekondat mill-Vici Sindku, ppropona li dan id-dokument jigi approvat. (Appendici B) Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport.

6 KORRISPONDENZA

6.1 ***Charging Pillar OHSA:*** Il-Kunsill qed jiġi mitlub jaghti no objection biex jiġi nstallat charging pillar fi Triq San Girgor. Il-Kunsillier Grech qal li jekk dan isir, ghandu jintuża wkoll mir-residenti. Kien hemm qbil li tintalab aktar informazzjoni dwar din it-talba.

6.2 ***Cafeteria Pjazza San Luqa :*** Il-Kunsill gie infurmat li kien irċieva €6,000 minghand l-operatur tal-cafeteria ta' Pjazza San Luqa. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jaghti n-no objection tieghu sabiex l-operatur ikun jista' japplika ghal tibdil minn 4C ghal 4D u biex japplika ghat-tqeghid ta' mwejjed u siġġijiet fl-area li jidentifika l-Kunsill.

6.3 ***Temporary Electricity Boxes:*** Il-Kunsill qed jiġi mitlub sabiex jaghti n no objection ghal temporary supply lil hawkers li qeghdin jarmaw l-aktar fi Triq ix-Xatt. TM u l-Pulizija ma jistghux inehhu lil dawn il-hawkers minhabba li ghandhom il-permess tal-MTA ghal hawker. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill m'ghandux jaghti no objection ghal temporary supply lil dawn il-hawkers.

6.4 ***Boundary wall tal-playingfield:*** Is-Segretarju Ezekuttiv informa li Project Green infurmaw li l-boundary wall tal-playingfield ser ikun 1.5m gholi. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

6.5 ***Sleeping Policemen fi Triq San Girgor:*** Il-Vici Sindku ressaq zewg talbiet biex isiru zewg sleeping policemen fi Triq San Girgor. Dwar dik mitluba qabel tohrog ghal Triq K. Mifsud kien hemm qbil minn numru ta' residenti u ghalhekk se titressaq ghall-approvazzjoni ta' TM. Dwar l-isleeping policeman l-ohra kien hemm qbil li jonqos aktar firem ta' residenti.

7 MISTOQSIJIET

7.1 Il-Kunsillier Pisani qal li ghandu jkun hemm aktar infurzar fi Triq id-Duluri k/m Triq Herbert Ganado ghal skart li ma jinharigx fil-hin u ġurnata tajba. Is-Sindku qal li dan il-post huwa mill-aktar frekwentat mill-ufficjali tal-ERA.

7.2 Il-Kunsillier Pisani qal ukoll li fi Triq Guze Ellul qed ikun hemm hafna abbuż fuq il-parking bays tar-residenti.

7.3 Il-Kunsillier Grech staqsa x'jista' jsir dwar il-gabbana tal-Marina u jekk il-Kunsill jistax johrog sejha ghall-offerti ghaliha. Gie mitlub li jkun hemm aktar informazzjoni fil-laqgha li jmiss u tiġi mistharrga l-possibilta li terga' tinhareg l-offerta.

7.4 Il-Kunsillier Grech semma li hemm id-dawl li jdawwar il-car park ta' Triq Alfred Craig ma jixghelx. Is-Sindku wieġeb li dan id-dawl huwa responsabbli minnu l-Health Department u diġà intalab l-intervent taghhom.

7.5 Il-Kunsillier Grech qal li l-konkos ta' hdejn id-Duluri ser jinbidel bil-paviment li kien hemm qabel. Is-Sindku wieġeb li jkun ghaqli li wiehed jistenna ftit dwar din iz-zona ghax jaf ikun hemm xi tibdil.

8 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

8.1 **PA 4190/23**: Is-Sindku qal li dwar dan il-permess ghal zvilupp faċċata tas-Santwarju tal-Madonna ta' Fatima, liema permess gie approvat, kienet saret l-ewwel seduta tal-appell u kien hemm l-avukata tirrapreżenta lill-Kunsill. Gie deċiż li ghandhom jintbghatu r-risposti kollha fuq il-kaz u ssir trattazzjoni fit-30 ta' Gunju.

8.2 **Socjeta` Filarmonika Madonna ta' Fatima**: Is-Sindku informa li nhar il-Gimgha, 8 ta' Mejju ser isir il-launch tar recording mis-Socjeta` Filarmonika Madonna ta' Fatima u kulhadd huwa mistieden.

8.3 **AGM tal-Kunsill Regjonali Lvant**: Is-Sindku informa li l-AGM tal-Kunsill Regjonali Lvant ser issir fit 28 ta' Mejju.

8.4 **Kuntratt tal-gbir tal-iskart domestiku**: Ir-Regjun talab sabiex issir laqgha mas-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv ta' kull Kunsill dwar il-kuntratt tal-gbir tal-iskart domestiku. Din il-laqgha qed tintalab minhabba li l-kuntratt eżistenti ser jiskadi fis-snin li gejjin u ghalhekk qed tinġabar feedback u informazzjoni dwar kif il-kuntratt jista' jkun ahjar. Ghalhekk, min ghandu xi suġġerimenti jista' jghaddihom lis-Sindku jew lis-Segretarju Ezekuttiv.

8.5 **Skema SPI/SCI/03/2026 – Attivitajiet Milied 2026**: Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ser iressaq applikazzjoni ghal attività` fi żmien il-Milied. Din l-iskema tiffinanzja sa ta' 85% tal-ispiza sa massimu ta' €15,000. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

8.6 **Tender Torpedo Depot**: Il-kumitat tal-evalwazzjoni kien iltaqa' dwar dan it-tender u l-aktar offerta irhisa u li hija wkoll *compliant*, hija dik ta' Derek Garden Centre bi prezz ta' €28,500. Ghalhekk, qed jiġi rakkomandat li l-Kunsill jipproċedi b'din l-offerta. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

9 APPROVAZZJONI GHAX-XIRI TA' OGGETTI/SERVIZZI

9.1 Tressqu quddiem il-Kunsill kwotazzjonijiet ghax-xiri ta' cctv's ghal Pjazza Isidor Formosa. L-aktar kwotazzjoni irhisa u vantaggjuza kienet dik ta' Mediterranean Protection Installations bi prezz ta' €967.01. kien hemm qbil unanimu li tintghazel din il-kwotazzjoni.

10 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

10.1 Is-Sindku ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 22. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

11. TMIEM

11.1 Fis-6.30pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgha, 3 ta' Gunju, 2026, fil-5.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

Konfermati:

Stefano Savo
Sindku